MALTA RESOURCES AUTHORITY

EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
COHESION FUND
MALTA2007-2013

Stqarrija għall-istampa u x-xandir

Fil-perjodu li fih kienu qed jintlaqgħu applikazzjonijiet biex familji f'Malta u Għawdex ikunu jistgħu jinvestu f'sistemi ta' pannelli fotovoltajċi, b'kollox kienu depożitati **3559** applikazzjonijiet fil-kaxxi li kien hemm apposta għal dan l-iskop fl-uffiċċji tal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi fil-Marsa u fil-Ministeru għal Għawdex.

L-iskema ta' għotja ta' grant għall-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi fi djar residenzjali hi finanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

L-applikazzjonijiet issa qed jinfetħu u qed tinħareġ *acknowledgement letter* lil dawk kollha li applikaw. Meta jitlesta dan il-proċess jibda jsir l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet skont il-linji gwida tal-iskema. Dawk l-applikanti li jikkwalifikaw għall-iskema mbagħad jirċievu *grant offer letter* li permezz tagħha huma jkunu ngħataw id-dritt li, wara li jixtru, jinstallaw u jħallsu is-sistema li applikaw għaliha, jistgħu jitolbu l-ħlas tal-grant.

3 ta' Awwissu 2011

MRA/PR 8/11

Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
*Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life*
Project part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
***Investing in your future***